KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 75 Tnejn 29 ta' April 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:20 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar - Sindku
James Cassar - Viċi Sindku
Gianluca Busuttil - Kunsillier
Karl Tanti - Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsillier
Mark Micallef Costa - Kunsillier
Francis Deguara - Kunsillier
Joe Gatt- Kunsillier
Jesmond Gauci - Kunsillier
Daniel Galea - Accountant

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Christian Borg – Kunsillier
Mario Sammut- Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

**75.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' Mario Sammut u Christian Borg. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 74

REF:74.3.1 Korrispondenza – Email- Permit to Sublease part of tat-Targa

Is-Sindku nforma li ltaqa' mal-president tas-Soċjeta Filarmonika ta' Santa Marija kif wkoll mal-*leader* tal-Mosta Scouts Group, fejn sar qbil biex tintuża parti min din il-Batterija. Għalhekk ser jiġi *drafted* dokument bħala gwida, obbligi u responsabiltajiet, fejn ser jittella għal-approvazzjoni tal-Kunsill.

REF: 74.3.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Meeting Gibjun
Is-Sindku nforma li qed nistennew biex issir it-tieni *manhole.*

REF: 74.3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku– Private u 4 mobile toilets għal mixja ta Puttinu Cares
Is-Sindku nforma li din il-mixja kienet suċċess u rċevejna ringrazzjament talli ġew iprovduti il-*mobile toilets.*

REF: 74.3.7 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Tintinabru
Is-Sindku nforma li qed jifformula l-ittra.

REF: 74.3.8 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Co-financing Contract Agreement - Construction of new rubble walls & repair, maintenance, re-construction of existing rubble walls
Is-Sindku nforma li t-tender ħareġ.

REF: 74.3.11 Kommunikazzjoni mis-Sindku – PAMA estensjoni ta' applikazzjoni.
Is-Sindku nforma li għadna ma smajna xejn.

REF: 74.4.2 – Twinning
Is-Sindku nforma li ż-żjara min Millbrae kienet suċċess.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 74.

Fis-7:40pm saret sospensjoni tal-minuti biex jiġi spjegat ir-rapport 75.4.1, Aġġustamenti tal-Financial Statements 2018, mil-Accountant is-Sur Galea.

75.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

75.3.1 Korrispondenza – Internal Call -Vacancy for Assistant Principal Scale 11
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kelna applikazzjoni waħda.
Il-membri preżenti qablu li tingħata Assistant Principal Skala 11, lil impjegata tal-Kunsill li applikat għal din l-iskala.
Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma id-dipartiment.

75.3.2 Korrispondenza – Suġġeriment Zebra Crossing Triq EB Vella
Is-Sindku nforma li rċevejna suġġeriment min residenta biex issir Zebra Crossing fi Triq EB Vella. Is-Sindku nforma li din hija triq twila hu jgħaddi ħafna traffiku.
Il-membri preżenti qablu biex napplikaw ma Transport Malta, u mportanti li ma jitnaqqsux *parking bays*, biex ssir din iż-*zebra crossing*. Is-Sindku għandu jindika l-aħjar post fejn tista ssir.

75.3.3 Korrispondenza – Suġġeriment No Entry fi Triq Gafa'
Is-Sindku nforma li rċevejna suġġeriment biex fi Triq Gafa' k/m Triq Kungress Ewkaristiku tiġi *no entry except for residents.* Is-Sindku nforma li kien f'kuntatt mar-resident fejn spjegalu li ma jaqbilx ma dan is-suġġeriment għax-toqtol it-*traffic flow* kif jdur u nitfaw iktar traffiku mar-roundabout tas-Subaru. Is-Sindku nforma lir-resident li biex jitnaqqsu l-aċċidenti f'din il-kantuniera ma Cassar Street, hemm bżonn ta' aktar rispett mis-sewwieqa u *pedestrians,* għax diġa hemm *sleeping police* u mirja, u hemm tabella wkoll '*no access to heavy vehicles'.*

75.3.4 Korrispondenza – Cirkulari Numru 4/2019- Elezzjonijiet għall-Gvern Lokali Briefing

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din iċ-ċirkulari tgħid, li Legalment il-Kunsillieri preżenti ser jibqgħu fil-kariga sat-30 ta' Gunju 2019. Il-Kunsillieri eletti il-ġodda jibdew fl-1 ta' Lulju 2019.

### 75.3.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Sleeping Policeman Ponsomby Street qabel College u wara Anġlu Gatt

Is-Sindku nforma li rċevejna żewġ talbiet għal-*sleeping police,* fejn nafu li hemm *black spot* u jsiru ħafna aċċidenti.
Il-membri preżenti qablu unanimament biex nibgħatu ittra lir-residenti. Jekk ma nirċevux oġġezzjonijiet nibgħatu għal-approvazzjoni lil Transport Malta.

### 75.3.6 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Invit Tnedija Uffiċjali ta' ktieb ġdid bl-isem -Musta Raħal Twelidi

Is-Sindku nforma li intbgħat l-invit lil-Kunsilliera kollha għad-9 ta' Mejju, u preżenta ktieb lil-Kunsilliera. Din it-tnedija uffiċjali ħa ssir taħt il-patruċinju l-Onor. Speaker Dr. Anġlu Farrugia, u bħala kelliem ħa jkollna l-forensiku Profs. Abela Medici, kif wkoll kull min kellu parti biex jsir dan il-ktieb.
Il-membri preżenti unanimament qablu li jingħata ktieb lil lis-staff tal-Kunsill bħala tifkira.

Is-Sindku nforma li dan il-ktieb il-Kunsill ser jiswieħ 17 Ewro, u ktieb ta' dan it-tip ġeneralment jinbiegħ mat 80 / 90 Ewro, pero s-Sindku suġġerixxa li dan jinbiegħ bejn 25 u 40 Ewro. Il-membri preżenti qablu li għandu jinbiegħ għal 40 Ewro.

## 75.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 75.4.1 Ħarġa tal-Kunsill

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss ħa ssir fis-16 ta' Mejju, fejn ħa jkun hemm żjarat fin-naħa t'isfel ta' Malta b'karozzi tal-linja mil-antiki.

### 75.4.2 Twinning Millbrae

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-viżita li saret kienet ta' suċċess, u li r-residenti ta' Millbrae, 80% minnhom huma Mostin. Is-Sindku nforma li Millbrae għanda popolazzjoni daqs tal-Mosta u għandhom ħames Sindki, li jinbidel kull sena' *by rotation,* u l-*budget* li għandhom huwa ta' 40 miljun.

### 75.4.3 Bus Shelters

Il-Kunsillier Deguara ressaq ilment ta' resident/i dwar bus shelters fiż-żoni tal-Mosta. Is-Sindku nfurmaħ li dawn qed jsiru min kumpanija privata, wara li kellna diskusjonijiet mal-kumpanija stess.

### 75.4.4 Malta Public Transport

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk nfurmajnhiex lil Malta Public Transport dwar karozzi tal-linja li jitilqu min Sta. Margerita, il-47 u 250, biex dawn ma jitilqux fl-istess ħin.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*email* intbgħatet, pero' ħa tiċċekja biex tkun żgura.

### 75.4.5 Karozza pparkjata fuq bankina

Il-Kunsillier Deguara staqsa kemm tista ddum karozza pparkjata fl-istess post, fuq bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li sakemm jkolla l-liċenzja mħallsa u mwaħħla fuq il-*windscreen,* kif wkoll n-numru ta' reġistrazzjoni karozza tista tibqa pparkjata fl-istess post, u m'hemx limitu. Pero' f'każ ta' parkeġġ fuq bankina, din trid tiġi rrapurtata lil LESA u/jew lil Pulizija, kif wkoll tista tiġi ttowjata mil-Kunsill.

Is-Sindku nforma li l-garaxxijiet tal-Pulizija huma mimlijin u għalhekk mhux jiġbru vetturi abbandunati. Aparti min hekk jekk jiġbora l-Kunsill din fejn ser iqeda? Apparti li trid tħallas biex tittowja u tiskrapja.

### 75.4.6 Triq il-Għasel

Il-Kunsillier Deguara ressaq suġġeriment biex id-direzzjoni tat-traffiku tinbidel. Is-Sindku talab biex jibgħatlu *site map* ħalli jkun jista jifhem aħjar.

### 75.4.7 Kuntrattur tal-patching.

Il-Kunsillier Frans Deguara staqsa kif qegħdin fuq ix-xogħol tal-*patching.* Is-Sindku nforma li il-Kuntrattur għaddej bix-xogħolijiet, u sirna nafu wkoll b'xi xogħol li mhux qed jsir skond is-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv kif wkoll is-Sindku għandhom jkellmu lil-Kuntrattur.
Il-Kunsillier Deguara nforma li kien hemm WO fl-4 ta' April, liema xogħol għadu ma sarx. Fuq din is-Segretarju Eżekuttiv ħa toħroġ *default notice* għal-xogħol li kellu jsir fi Triq il-Fuħħar u Triq il-Bwieqi.

### 75.4.8 Bandli

Il-Kunsillier Deguara nforma li kien bgħat ritratti tal-bandli li jinsabu fi Ġnien Reggie Cilia, biex jsiru xi tiswijiet. Is-Sindku nforma li lis-*slide* ngħalqet mil-parti ta' fuq sakemm jisewwa t-tubu, liema tubu jiswa 4,000 Ewro, u biex saru l-bandli fl-istess ġnien sewa' 10,000 Ewro. Ippruvajna nsibu *suppliers* oħra li nfurmawna li ma jaħdmux fuq dawn il-bandli jekk ma kienux huma stess l-istess *suppliers.*
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li lis-*spring* taż-żiemel imkisser wkoll.
Il-membri preżenti qablu biex jew jinqala' t-tubu, jew jingħalaq min fuq u min isfel.

### 75.4.9 Proġett sit Flower Power

Il-Kunsillier Tanti staqsa jekk fl-aħħar laqgħa ġewx murijja l-pjanti tal-proġett. Is-Sindku nforma li l-pjanti ma ġewx iċ-ċirkulati, imma ittellet il-materja waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill, fejn il-membri ġew infurmati li bħala proġett ma jaqax fil-konfini tal-Mosta, u allura l-kunsill m'għandux vot fuq dan il-proġett. Is-Sindku qal wkoll li dan għandu jiġi diskuss fil-leġiżlatura li jmiss.

### 75.4.10 Tad-Dip

Il-Kunsillier Tanti semma li kien hemm xi oġġezzjonijiet fuq PC application wara iċ-ċimiterju. Is-Sindku nforma li fit-2012-2015 taħt it-tmexxija ta' l-eks Sindku Shirley Farrugia, il-Kunsill kien ġie avviċinat mil-Gvern biex il-Kunsill jgħati r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, dwar liż-żvilupp li kellu jsir. Il-Kunsill kien ressaq żewġ suġġerimenti fosthom, żewġ sulari u sular irtirat, u li kul dar jkolla parapet, fejn din ma kenitx milqugħa.

### 75.4.11 PAMA

Il-Kunsillier Tanti staqsa jekk il-pjanti tal-PAMA ġewx iċ-ċirkulati. Is-Sindku nforma li kienu ġew mibgħuta b'*email.* Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tiċċekja, u filkas jerġaw jintbgħatu.

### 75.4.12 L-Oratorju tal-Bniet

Il-Kunsillier Bonnici qalet li kif toħroġ min Triq Ġlormu Cassar għal-Triq it-Torri hemm bżonn li ssir mera. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinforma lil-*handyman.*

### 75.4.13 Triq il-Kbira

Il-Kunsillier Bonnici ressqet suġġeriment min residenti biex issir *zebra crossing* fi Triq il-Kbira fejn il-Palazz ta' Kaspru. Is-Sindku nforma li diġa ntalbu żewġ *zebra crossings* li dawn ġew irrifjutati għax ġo *main road.* Is-Sindku ħa jara fejn jista jkun l-aħjar post qabel ma napplikaw, biex nevitaw li terġa tkun irrifjutata min Transport Malta.

#### 75.4.14 Triq Ġużeppi Callus

Il-Kunsillier Bonnici nfurmat li saru żewġ bollards tal-*plastic* fi Triq Ġużeppi Callus u jidhru li saru ħażin. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tiċċekja mal-*handyman*, u nfurmat li kull xogħol ta' *traffic management* ma jsirx mingħajr l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

#### 75.4.15 Triq Gafa'

Il-Kunsillier Bonnici nfurmat li hemm ħofra fir Triq Gafa' malli ddur. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinforma lil-*handyman.*

### 75.5 Rapporti

#### 75.5.1 Aġġustamenti tal-Financial Statements 2018

Is-Sur Galea spjega li wara li l-Kunsill ipreżenta l-Financial Statements 2018, ġew l-awdituri biex jgħamlu r-rapport tagħhom fejn saru l-aġġustamenti tagħhom.

- Paġna 4 Statement of Financial Income: *Loss for the year* ta' 600,000 Ewro, fejn tlifna l-flus iktar milli daħħalna. Ma jfissirx li l-Kunsill fiżikament ħareġ flus iktar milli daħħal, imma din hija d-differenza min *write-off* ta' darba minħabba d-direttiva numru 1, dwar il-*fixed assets.*
  Paġna 15 nota 11: hemm *adjustment in value* ta' *fixed assets* direttiva 1/2017 ta' 636,000 ewro.

- Depreciation: 2018 l-ewwel sena fejn l-FAR qed jaqbel mal-*financial statement.* Il-mod ta' kif jinħadem id-*depreciation* issa nbidel fi-*straight line method, min reducing balance method.*

- Dħul: Żieda min 1.275,000 Ewro għal 1.308,000 Ewro.

- Bye-Laws: Żieda min 8,000 Ewro għal 14,000 Ewro.

- Operations & Maintenance: Żieda min 654,000 Ewro għal 656,000 Ewro.

- Paġna 17 u 18 Nota 14: Fixed Assets li għandu l-Kunsill, fejn il-valur huwa ta' 817,000 Ewro.

Is-Sindku spjega lil-membri preżenti li dan huwa riżultat tajjeb ħafna għal-Kunsill, u nittamaw li l-awdituri jgħatu kummenti tajbin fil-*management letter* tagħhom.

Fis 7:36, Is-Sur Galea spiċċa jispjega l-Financial Statements u ħareġ mil-kamra.

#### 75.5.2 Quarterly Financial Report 1 -January -March 2019

Dan ir-rapport ħa jittella fil-laqgħa li jmiss numru 76.

### 75.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

**75.6.1 Skeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 88.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 9 ta' April sad-29 ta' April 2019.

**75.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**75.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**75.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-petty cash.

Il-membri tal-Kunill approvaw b'mod unanimu Il-listi tal-petty cash li tkopri xahar ta' April 2019.

**75.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8:15 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-20 ta' Mejju 2019 fis-7:00 p.m.

Konfermati llum 29 ta' April 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |